# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 699/2017MH**

**Illum, 6 ta' Ottubru, 2017**

**St. James Hospital Ltd (C-14713)**

**vs**

**M.C.M. Maintenance Centre Malta Limited (C-45792)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' St James Hospital Ltd li gie prezentat fit-3 ta' Awwissu 2017 li permezz tieghu esponew:

*"Illi l-esponenti hija kreditrici tal-konvenuta M.C.M. Maintenance Centre Malta Limited fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf tmien mija disgha u disghin Euro (€26,899) rapprezentanti bilanc ta' hlasijiet u spejjez ta' servizzi u fornituri medici moghtija u esegwiti fuq struzzjonijiet tal-konvenuta lil Rayed Giumma Ben Musbah, ghal liema spejjez u hlasijiet l-konvenuta M.C.M. Maintenance Centre Malta Limited obbligat ruhha li taghmel tajjeb.*

*Illi minkejja li l-konvenuta giet interpellata diversi drabi, inkluz permezz ta' ittra ufficcjali datata 20 ta' Marzu 2017 sabiex thallas l-ammont dovut minnha hija baqghet inadempjenti.*

*Illi l-ammont dovut lill-esponenti huwa cert, likwidu u dovut.*

*Illi jirrikorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh taghha billi safejn taf l-esponenti, l-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talbiet taghha.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. tiddeciedi skond it-talbiet bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-esponenti s-somma ta' sitta u ghoxrin elf tmien mija disgha u disghin Euro (€26,899) rapprezentanti bilanc ta' hlasijiet u spejjez ta' servizzi u fornituri medici moghtija u esegwiti fuq struzzjonijiet tal-konvenuta lil Rayed Giumma Ben Musbah, ghal liema spejjez u hlasijiet il-konvenuta M.C.M. Maintenance Centre Malta Limited obbligat ruhha li taghmel tajjeb, kif hawn fuq inghad.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni, inkluz bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 2017 u tal-mandat ta' sekwestru numru 1042/2017 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 2017, sad-data tal-hlas effettiv."*

Rat il-verbal tal-Gimgha 6 ta' Ottubru 2017 fejn giet prezentata nota ta' ammissjoni tas-socjeta konvenuta M.C.M. Maintenance Centre Malta li permezz taghha esponew:

*"Li permezz taghha is-socjeta intimata qieghda tammetti t-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat fl-ismijiet premessi."*

Konsegwentement tilqa' t-talbiet kif dedotti bl-ispejjez a karigu tas-socjeta' intimata.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Kristie Xuereb**
**Dep. Reg.**